

Kif għandek tuża dan il-manwal

Dan il-manwal jiggwidak tul il-proċess tal-applikazzjoni tiegħek għal l-iċċenzja tal-Ekotikketta tal-UE, skont il-kriterji applikabbi meħtieġa. Is-simboli li ġejjin jintużaw tul il-manwal kollu:



= Informazzjoni ta' min jinnutaha jew importanti.



= Kjarifika dwar punt ewljeni.



= Id-dokumentazzjoni meħtieġa għall-verifikasi tal-konformità mal-kriterji, inklużi l-links għad-dikjarazzjonijiet fejn meħtieġ.

Il-manwal huwa strutturat kif ġej:

Parti A: Informazzjoni Ĝeneralni – F'din il-parti għandek issib informazzjoni dwar l-Ekotikketta tal-UE (inkluż sommarju tal-kriterji), dettalji tal-proċess tal-applikazzjoni, u tweġibiet għall-mistoqsijiet frekwenti dwar kif għandek tapplika.

Parti B: Valutazzjoni u Verifika tal-Prodott – Din il-parti tiddeskrivi l-kriterji għal grupp spċificu ta' prodotti stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni. Hawn taħt qed jintwera eżempju minn din it-taqṣima:

<p>Kriterju tal-grupp ta' prodotti</p> <p>Informazzjoni importanti</p> <p>Kjarifika dwar punt ewljeni fil-kriterju</p> <p>Deskriżzjoni tad-dokumentazzjoni meħtieġa għall-applikazzjoni, biex tintwera l-konformità mal-kriterju - inkluž link għal mudell tal-formola ta' dikjarazzjoni</p>	<p>3(c) Adhesion</p> <p>Pigmented masonry primers for exterior uses shall score a pass in the EN 24624 (ISO 4624) pull-off test where the cohesive strength of the substrate is less than the adhesive strength of the paint, otherwise the adhesion of the paint must be in excess of a pass value of 1,5MPa.</p> <p>Floor coatings, floor paints, floor undercoats, interior masonry primers, metal and wood undercoats shall score 2 or less in the EN 2409 test for adhesion.</p> <p>! Transparent primers are not included in this requirement.</p> <p>The applicant shall evaluate the primer and/or finish alone, or both applied together. When testing the finish alone this shall be considered the worst case scenario concerning adhesion.</p> <p>① Interpretation of criterion: <i>The important adhesion characteristics here are for a 'system' that would be applied by a user. If a finish, that requires a recommended primer, is being assessed for the EU Ecolabel this 'system' should be tested (regardless of whether the primer is an EU Ecolabelled product). If the finish does not require a primer, only the finish should be tested. If it is the primer that is being assessed, the test should be performed on this paint only.</i></p> <p>Required documentation for Assessment and verification: Adhesion</p> <ul style="list-style-type: none">■ The applicant shall provide a test report using the method EN ISO 2409 or EN 24624 (ISO 4624) as applicable.■ Template declaration: Adhesion
--	--

Parti C: Formola ta' Applikazzjoni – Din il-formola ta' applikazzjoni għandha timtela mill-applikanti kollha.

Parti D: Dikjarazzjonijiet– Dawn id-dikjarazzjonijiet għandhom jimtlew bħala parti mill-proċess tal-applikazzjoni. Għandha ssir referenza għat-taqsimiet rilevanti tal-Parti B (Valutazzjoni u Verifika tal-Prodott) meta jkunu qed jimtlew dawn id-dikjarazzjonijiet. Hawn taħt qed jintwera eżempju ta' dikjarazzjoni:

Titlu u referenza għal kriterju rilevanti	<p>Declaration: Criterion 2 – TiO_2 declaration of non/low use to be completed by the applicant</p> <p>(Please complete if the paint or varnish contains less than 3.0% w/w TiO_2)</p> <p>As the manufacturer/importer/retailer for paints and varnishes that comply with the EU Ecolabel, I, the undersigned, _____(I) hereby declare that the product formulation contains less than 3.0% w/w of titanium dioxide.</p> <table border="1" style="width: 100%;"><tr><td style="width: 50%; padding: 5px;"><i>Signature of person bearing legal responsibility:</i></td><td style="width: 50%;"></td></tr><tr><td colspan="2" style="padding: 5px;"><i>Position held</i></td></tr><tr><td colspan="2" style="padding: 5px;"><i>Date:</i></td></tr><tr><td colspan="2" style="padding: 5px;"><i>Company Stamp:</i></td></tr></table>		<i>Signature of person bearing legal responsibility:</i>		<i>Position held</i>		<i>Date:</i>		<i>Company Stamp:</i>	
<i>Signature of person bearing legal responsibility:</i>										
<i>Position held</i>										
<i>Date:</i>										
<i>Company Stamp:</i>										
Id-dikjarazzjoni, li tinkludi t-taqsimiet li jridu jimtlew mill-applikant u/jew mill-fornitur(i)										
Informazzjoni li trid timtela mill-persuna responsabbi għal din id-dikjarazzjoni										

⚠ Jekk jogħġebok aqra dan il-manwal mill-bidu sal-aħħar qabel ma timla u tippreżenta l-formola tal-applikazzjoni jew xi tip ta' dokumentazzjoni oħra. Il-Korpi Kompetenti dwar l-Ekotikketta tal-UE jistgħu jgħinu lid-detenturi tal-liċenzja jifhmu l-kriterji tal-Ekotikketta tal-UE u jistgħu jiggwidawhom dwar kif għandu jiġi ppreparat id-dossier tal-applikazzjoni.

Part A: Informazzjoni Ĝeneralni

1 Introduzzjoni

Dan il-Manwal għall-Utenti¹ huwa maħsub biex jgħinek tapplika għall-Ekotikketta tal-UE. Dan jinkludi deskrizzjoni tad-dejta, tat-testijiet u tad-dokumentazzjoni kollha li jkunu meħtieġa biex tintwera l-konformità.

Il-bażi għal dan il-Manwal hija Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-Ekotikketta tal-UE għal grupp speċifiku ta' prodotti. Kopja ta' dawn il-kriterji tinstab hawn:



<http://ec.europa.eu/environment/ecolabel/products-groups-and-criteria.html>

 Jekk jogħġibok aqra d-dokument dwar il-kriterji bir-reqqa qabel ma timla l-formola ta' applikazzjoni!

1.1 Il-prodott tiegħi huwa eliġibbli għall-Ekotikketta tal-UE?

L-informazzjoni dwar liema tipi ta' prodotti huma inklużi fl-ambitu ta' dan il-grupp ta' prodotti tinstab fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi, kif ukoll liema huma l-prodotti li mhumiex eliġibbli għall-Ekotikketta tal-UE

1.2 Għanijiet tal-kriterji

L-għan tal-Ekotikketta tal-UE huwa li tnaqqas kemm jista' jkun id-diversi impatti ambjentali f'kull stadju tal-ħajja tal-prodott. Il-kriterji huma ffissati f'livelli li jippromwovu prodotti li għandhom impatt ambjentali globali aktar baxx.

Il-validità tal-kriterji tal-Ekotikketta tal-UE tinstab fuq:



<http://ec.europa.eu/environment/ecolabel/products-groups-and-criteria.html>

 Għal dawk li diġà għandhom liċenzja tal-Ekotikketta tal-UE għal prodott u li qed jaapplikaw mill-ġdid, it-tabella fl-Appendiċi 2 tispjega l-bidliet sinifikanti bejn il-kriterji l-qodma u dawk ġodda.

¹ Dan il-Manwal għall-Utenti jista' jintuża biss bħala gwida; m'għandu ebda *locus standi* u bl-ebda mod mhu qiegħed jissostitwixxi Deċiżjoni tal-Kummissjoni jew xi leġiżlazzjoni rilevanti oħra. F'każ ta' dubju dwar punti speċifiċi fil-Manwal, jekk jogħġibok irreferi direttament għand il-Korp Kompetenti nazzjonali.

1.3 Min jista' jaapplika għall-Ekotikketta tal-UE?

Il-manifatturi, l-importaturi u l-fornituri tas-servizzi jistgħu jippreżentaw applikazzjonijiet biex tingħatalhom l- Ekotikketta tal-UE. In-negożjanti u l-bejjiegħa bl-imnun jistgħu jaapplikaw ukoll, iżda jistgħu biss jippreżentaw applikazzjonijiet għal prodotti kkumerċjalizzati taħt il-marki kummerċjali tagħhom stess.

1.4 Fejn nista' napplika?

L-applikazzjonijiet tal-Ekotikketta tal-UE jsiru permezz ta' applikazzjoni waħda li tkopri l-partijiet kollha taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE).

Kull pajiż għandu rappreżtant, magħruf bħala l-Korp Kompetenti, li jeżamina l-applikazzjonijiet. Għandek tagħżej il-pajiż li tapplika fih abbażi tal-Istat Membru taż-ŻEE li fih joriġina l-prodott. Jekk il-prodott tiegħek joriġina minn barra ż-ŻEE, għandek tapplika fl-Istat Membru taż-ŻEE li fih il-prodott qiegħed jinbiegħ jew wasal biex jibda jinbiegħ.

L-Istati Membri taż-ŻEE kollha jeżaminaw l-applikazzjonijiet skont l-istess kriterji, iżda l-Istati individuali għandhom proċeduri u livell ta' tarffi għall-ipproċessar tal-applikazzjonijiet kemxejn differenti. Għad-dettalji ta' kuntatt tal-Korp Kompetenti ta' kull Stat Membru, jekk jogħġibok żur:



<http://ec.europa.eu/environment/ecolabel/competent-bodies.html>

1.5 X'inhu kopert bl-applikazzjoni/il-kuntratt?

Applikazzjoni għal Ekotikketta tal-UE tista' tkopri prodott wieħed jew sensiela ta' prodotti, irrispettivament minn kemm hemm ismijiet jew marki kummerċjali differenti użati għal dawk il-prodotti. Għalhekk, matul il-proċess tal-applikazzjoni l-applikant għandu jindika l-ismijiet kummerċjali jew in-numri ta' referenza interna tal-manifattur tal-prodott(i) inkwistjoni kollha. Fil-każ ta' formulazzjoni, l-ismijiet tas-sustanzi u tat-taħlitiet kimiċi kollha użati fil-prodott, għandhom jiġu ppreżentati bħala parti mill-applikazzjoni.

1.6 Kif nista' nestendi l-liċenzja tal-Ekotikketta tal-UE tiegħi jew inkella nagħmel xi bidliet fiha?

Ladarba d-detentur ikun ingħata l-Ekotikketta l-Ekotikketta tal-UE, jekk ikun irid jestendi s-sensiela ta' prodotti koperti b'din il-liċenzja, għandhom jaapplikaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

- Estensjoni b'numri ta' referenza/ismijiet kummerċjali interni ġodda tal-manifattur li ma jaffettwawx il-konformità mal-kriterji: F'dan il-każ l-informazzjoni rilevanti għandha tintbagħha lill-Korp Kompetenti. Wara li l-informazzjoni tiġi eżaminata bi skrutinju, u jekk tiġi approvata, il-Korp Kompetenti joħroġ liċenzja riveduta bin-numri ta' referenza/ismijiet kummerċjali interni ġodda/addizzjonal tal-manifattur miżjud.
- Estensjoni jew modifika b'karatteristiċi tekniċi ġodda li jaffettwaw il-konformità mal-kriterji (pereżempju materjali ġodda): Dawn għandhom jiġu approvati mill-Korp Kompetenti qabel jintużaw. Talba għal estensjoni għandha tintbagħha lill-Korp Kompetenti flimkien mad-

dokumentazzjoni ta' sostenn kollha meħtieġa kif mitlub fis-sezzjoni(jiet) il-Valutazzjoni u verifika tal-Prodott tal-kriterju/kriterji rilevanti affettwat(i).

- Żieda jew sostituzzjoni ta' fornitori ġodda: Kull fornitur ġdid irid jiġi approvat mill-Korp Kompetenti. Il-Korp Kompetenti għandu jirċievi d-dokumentazzjoni xierqa li turi li l-fornitur qed jikkonforma mal-kriterji. Barra minn hekk, il-Korp Kompetenti għandu jirċievi wkoll lista aġġornata ta' fornitori.
- Kull bidla oħra li ma taffetwax il-konformità mal-kriterji trid tiġi rrappurtata wkoll lill-Korp Kompetenti.

1.7 Kontroll kontinwu – ir-responsabbiltà tal-applikant

L-applikant huwa responsabbi biex jiġura li ladarba l-prodott(i) jew is-servizz(i) jkunu ngħataw l-Ekotikketta tal-UE, dawn jibqgħu dejjem konformi mal-kriterji tal-Ekotikketta tal-UE.

Wara li tingħata liċenzja tal-Ekotikketta tal-UE, id-detentur tal-liċenzja għandu jżomm id-dossier tal-applikazzjoni aġġornat. F'każijiet fejn it-testijiet jew il-kejl iridu jsiru b'mod kontinwu, id-detentur tal-liċenzja għandu r-responsabbiltà li jżomm rekord tar-riżultati tat-testijiet u tad-dokumentazzjoni rilevanti oħra. Sakemm ma jkunx hemm ħtieġa speċifika li din id-dokumentazzjoni tintbagħha (u dan se jkun stabbilit fil-kriterji rilevanti), jista' ma jkunx hemm bżonn li tintbagħha, iżda jekk tintalab xorta għandha tkun disponibbli.

Jekk fi xi ħin matul il-perjodu ta' validità tal-liċenzja tal-Ekotikketta tal-UE il-prodott ma jibqax jikkonforma mal-kriterji, dan il-fatt irid jiġi rrapportat lill-Korp Kompetenti immedjatamente, flimkien ma' dikjarazzjoni li tiddeskrivi r-raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità. Il-Korp Kompetenti jiddeċiedi x'ażżjoni għandu jieħu, pereżempju talba għal miżuri addizzjonali jew sospensjoni tal-liċenzja, eċċ.

1.8 Valutazzjoni tal-konformità mal-kriterji

Il-Korp Kompetenti jista' jwettaq kull investigazzjoni meħtieġa biex jissorvelja jekk id-detentur tal-liċenzja hux qed jikkonforma b'mod kontinwu mal-kriterji tal-Ekotikketta tal-UE, mat-termini tal-użu u mad-dispożizzjonijiet tal-kuntratt. Għalhekk, il-Korp Kompetenti jista' jitlob lid-detentur tal-liċenzja biex jipprovd kull tip ta' dokumentazzjoni rilevanti biex jagħti prova li huwa fil-fatt konformi.

Barra minn hekk, id-detentur tal-liċenzja jrid jagħti aċċess għall-bini lill-Korp Kompetenti meta dan jitkolha aċċess f'kull mument raġonevoli u saħansitra mingħajr notifika.

1.9 Spejjeż

L-applikant għandu r-responsabbiltà li jħejji l-applikazzjoni u li jikseb l-evidenza ta' sostenn kollha meħtieġa, li tista' tinkludi testijiet, eċċ.

Barra minn hekk, il-Korp Kompetenti jista' jitlob lill-applikant biex iħallas tariffa għall-applikazzjoni², u tariffa għal-liċenzja annwali. F'xi każijiet, l-applikanti jistgħu jiġi mitluba jħallsu għal verifika fuq il-post, li tista' tinkludi spejjeż ta' vyvaġġar u akkomodazzjoni. Wara l-għoti tal-liċenzja tal-Ekotikketta tal-UE, il-Korpi Kompetenti jistgħu wkoll jitkolha aċċess f'kull mument raġonevoli u saħansitra mingħajr notifika u l-ispezzjonijiet fuq il-post. Għal aktar informazzjoni:



http://ec.europa.eu/environment/ecolabel/documents/eu-ecolabel_fees.pdf

² Skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 782/2013 tal-14 ta' Awwissu 2013 li jemenda l-Anness III tar-Regolament (UE) Nru 66/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Ekotikketta tal-UE (ĠU L 219, 15.8.2013, p. 26).

2 Il-proċess tal-applikazzjoni


L-ewwel pass biex jinbeda l-proċess tal-applikazzjoni huwa li tikkuntattja il-Korp Kompetenti tiegħek, għax dawn jistgħu jgħinuk thejjji l-applikazzjoni tiegħek. Ara t-taqṣima hawn fuq "Fejn nista' napplika?" biex tiskopri għand liema Korp(i) Kompetenti għandek tapplika.

Id-dettalji ta' kuntatt tal-Korpi Kompetenti tal-Ekotikketta tal-UE kollha huma disponibbli hawn:



<http://ec.europa.eu/environment/ecolabel/competent-bodies.html>

Il-figura ta' hawn taħt tispjega l-istadji involuti meta tkun qed tapplika għall-Ekotikketta tal-UE³. Aktar dettalji jingħataw fl-ispiegazzjonijiet li jsegwu.



³ Minħabba li l-istruttura tal-Korp Kompetenti tal-Ekotikketta tal-UE tvarja bejn l-Istati Membri, din id-dijagramma ma tagħix dettalji dwar l-iskadenzi tat-tariffi tal-applikazzjonijiet. L-applikanti għandhom jikkuntattjaw lill-Korp Kompetenti tagħhom direttament dwar l-iskadenzi tat-tariffi.

L-istadju Nru 1: Ikkuntattja l-Korp Kompetenti tiegħek (CB)

Il-Korpi Kompetenti tal-Ekotikketta tal-UE jistgħu jgħinu lid-detenturi potenzjali ta' liċenzja jifhmu l-kriterji tal-Ekotikketta tal-UE u jistgħu jiggwidawhom dwar kif għandu jiġi ppreparat id-dossier tal-applikazzjoni.

L-istadju Nru 2: Ir-Reġistrazzjoni fl-ECAT

L-għoddha onlajn **ECAT** (il-Katalogu Elettroniku tal-Ekotikketta tal-UE), trid tintuża biex tibda r-reġistrazzjoni tal-applikazzjoni tiegħek għal-liċenzja tal-Ekotikketta tal-UE.



Segwi l-istruzzjonijiet fuq il-Manwal tal-Utenti tal-Katalogu Elettroniku li tista' tniżżeż minn http://ec.europa.eu/environment/ecolabel/documents/ecat_user_manual/mt.pdf. Dan il-manwal tal-utenti jiddeskrivi l-proċess tar-reġistrazzjoni, li jinkludi r-reġistrazzjoni ta' prodotti u servizzi skont is-Sistema tas-Servizz ta' Awtentikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea (ECAS). Jekk tiltaqa' ma' problemi fis-sistema tal-ECAT, ikkuntattja lill-[Helpdesk tal-Ekotikketta tal-UE](#).

L-istadju Nru 3: Rekwiżiti tal-informazzjoni, tal-ittestjar u tal-verifika

Uża d-dokument tal-kriterji, u l-informazzjoni u l-listi ta' kontroll f'dan il-Manwal tal-Utenti, biex tħejji dossier li jkun fih l-informazzjoni kollha u r-riżultati tat-testijiet meħtieġa biex jintwera kif il-prodott issodisfa kull kriterju. Kull kriterju għandu jinkludi taqsima li tistabbilixxi r-rekwiżiti ta' *valutazzjoni u verifika* li jistgħu jinkludu testijiet tal-prodotti, dikjarazzjonijiet ta' konformità, jew verifika indipendent. Huwa essenzjali li d-dejta tkun preċiża u sostanzjata; jekk ikun hemm bżonn, il-Korp Kompetenti jista' jwettaq aktar kontrolli.

Kull meta l-valutazzjoni u l-verifika tal-kriterji tal-Ekotikketta tal-UE jkunu jeħtieġ li l-prodott jiġi t-testjat, dawk it-testijiet għandhom preferibbilm jitwettqu minn laboratorji li jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali ta' EN ISO 17025 jew ekwivalenti, għal dak it-test speċifiku. Għal aktar informazzjoni ara l-“Linji Gwida għal proċedura ta' ċċekkjar tal-kriterji f'dak li għandu x'jaqsam mal-applikazzjonijiet: użu ta' laboratorji tat-testijiet”. Ikkuntattja l-[Korp Kompetenti](#) tiegħek jekk għandek bżonn xi informazzjoni addizzjonal dwar liema laboratorju trid tuża.



L-ispejjeż tat-testijiet u l-verifikasi indipendent kollha jridu jitħallsu mill-applikant. Għandek tikkunsidra dawn l-ispejjeż qabel ma tiddeċiedi li tapplika.

L-istadju Nru 4: Tħejjija u preżentazzjoni tad-dossier u l-formola ta' applikazzjoni

Jekk jogħġgbok innota li jrid jiġi ppreżentat dossier li jkun fih il-formola ta' applikazzjoni flimkien mad-dokumentazzjoni ta' sostenn kollha msemmija hawn fuq, lil korporati kompetenti rilevanti. Jekk l-applikazzjoni tiegħek tkun ta' suċċess, inti se tkun mistenni li żżomm kopja tad-dossier u li żżommu aġġornat tul iż-żmien kollu li inti jkollok il-liċenzja.



Għal informazzjoni dwar il-format spċificu u d-dokumenti ta' gwida addizzjonali, jekk jogħġibok ikkuntattja lill-Korp Kompetenti tiegħek.

L-istadju Nru 5: Valutazzjoni

Wara li jirċievi applikazzjoni, il-Korp Kompetenti għandu jeżamina d-dokumentazzjoni inkluż kull tip ta' materjal mibgħut direttament mill-fornituri u jwieġeb lill-applikant fi żmien xahrejn mill-wasla tal-applikazzjoni. Il-korp kompetenti jista' jagħmel lista ta' kull dokument addizzjonali meħtieġ sabiex iku hemm konformità mal-kriterji tal-grupp ta' prodotti tal-Ekotikketta tal-UE. Din il-lista se tintbagħha lill-applikant li jrid jiżgura li huwa jipprovdi d-dokumentazzjoni rilevanti.

Għandu jiġi nnutat ukoll li Korp Kompetenti jista' jirrifjuta applikazzjoni jekk ma jirċevix dokumentazzjoni li hija suffiċjenti fi żmien 6 xħur minn kull talba għal aktar informazzjoni.

Wara li d-dokumentazzjoni kollha tkun għiet approvata, il-Korp Kompetenti jista' jwettaq żjara fuq il-post lill-applikant u/jew il-fornituri tiegħu. Il-Korp Kompetenti jiddeċiedi dwar dan fuq bażi ta' każ b'każ u jista' jitlob tariffa għal dan. Mill-ġdid, jekk jogħġibok ikkuntattja l-Korp Kompetenti tiegħek għad-dettalji.

L-istadju Nru 6: Għoti tal-liċenzja

Meta l-applikazzjoni tkun għiet eżaminata u approvata mill-Korp Kompetenti, jinħareġ kuntratt, li jistabbilixxi s-sensiela ta' prodotti li huma koperti, inkluż kull isem kummerċjali jew numru ta' referenza interna tal-manifattur. Dan il-kuntratt jistabbilixxi t-termini tal-użu tal-Ekotikketta tal-UE u jsewwi l-kuntratt standard fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 66/2010 tal-25 ta' Novembru 2009.

Ladarba l-applikant jiffirma l-kuntratt ikun jista' jitlob ċertifikat, inkella dan jista' wkoll jintbagħha awtomatikament, imma dan jiddependi mill-Korp Kompetenti. Dan iċ-ċertifikat għandu jipprovdi dettalji dwar:

- in-numru tal-liċenzja li jista' jintuża mal-logo tal-Ekotikketta tal-UE;
- l-isem legali tal-applikant;
- is-sensiela ta' prodotti li ngħataw l-Ekotikketta tal-UE;
- l-ismijiet kummerċjali rilevanti kollha li taħthom jinbiegħ il-prodott.

Il-Korp Kompetenti għandu jaġħti pariri dwar meta l-logo tal-Ekotikketta tal-UE u numru tal-liċenzja jistgħu jintużaw fuq il-prodotti rilevanti.

Il-logo għandu jintuża f'konformità mal-Linji. Gwida dwar il-logo tal-Ekotikketta tal-UE, li jistgħu jinstabu hawn:



http://ec.europa.eu/environment/ecolabel/documents/logo_guidelines.pdf

2.1 Reviżjoni tal-kriterji

! Il-kriterji għal kull grupp ta' prodotti jiġu riveduti kull tliet/erba' snin, u dawk li diġà għandhom Ekotikketta tal-UE jridu jaapplikaw mill-ġdid meta dawn il-kriterji ġodda u riveduti jidħlu fis-seħħ. Għalhekk, nirrakkomandaw li tikkunsidra ż-żmien li tapplika fiex tevita applikazzjonijiet konsekuttivi u mbagħad applikazzjonimill-ġdid skont il-kriterji l-ġodda. Normalment fid-dokument tal-kriterji l-ġodda jiġi allokat u stabbilit perjodu ta' tranżizzjoni għall-aġġustament tal-prodott(i) u biex tapplika għal eżami mill-ġdid.



Għal aktar informazzjoni dwar il-proċess tal-applikazzjoni żur il-websajt tal-Ekotikketta tal-UE:
<http://ec.europa.eu/environment/ecolabel/how-to-apply-for-eu-ecolabel.html>

2.2 Lista ta' kontroll: Kif għandek tapplika

Referenza	Rekwiżit	Immarka meta jkun komplut
1.1	Kun żgur li l-prodott huwa eliġibbli għall-Ekotikketta tal-UE	<input type="checkbox"/>
Il-link elettroniku	Niżżej il-kriterji rilevanti għall-grupp ta' prodotti	<input type="checkbox"/>
1.4	Identifika l-Korp Kompetenti fl-Istat Membru rilevanti fejn inti tista' tapplika	<input type="checkbox"/>
1.4	Ikkuntattja lill-Korp Kompetenti rilevanti u nnotifikah bl-intenzjoni tiegħek li tapplika għal licenċja tal-Ekotikketta tal-UE	<input type="checkbox"/>
2.1	Iċċekkja jekk il-kriterji relatati mal-prodott(i) jew is-servizz tiegħek hemmx bżonn li jiġu riveduti jew aġġornati fil-futur qrib ⁴	<input type="checkbox"/>
2. Pass Nru. 1	Itlob informazzjoni dwar il-formoli tal-applikazzjoni lill-Korp Kompetenti tiegħek	<input type="checkbox"/>
2. Pass Nru. 2	Irreġistra fuq l-ECAT	<input type="checkbox"/>
1.6	Jekk inti qed tippreżenta biss bidla għal xi prodott jew xi fornitur, iddeksri x'inhi l-bidla u ppreżenta d-dokumentazzjoni ta' sostenn	<input type="checkbox"/>

⁴ Biex tikseb tagħrif dwar ir-reviżjoni tal-kriterji, jekk jogħġibok żur is-sit elettroniku
<http://ec.europa.eu/environment/ecolabel/products-groups-and-criteria.html>